***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 328 tal-11 ta' Mejju 2020 dwar it-tqegħid fuq il-Mejda tal-Kamra ta' dokumenti li diġà jkunu jinsabu fid-dominju pubbliku**

Fis-Seduta 327 tal-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2020, l-Onor. Karol Aquilina talab l-intervent tas-Sedja fir-rigward tat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13967 u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Xtaqt nitlob l-intervent tas-Sedja dwar tweġiba mogħtija għal mistoqsija nru 13967 li fiha jiena tlabt lill-Ministru Ian Borg ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt mal-Gvern Ċiniż li kien ġie approvat minn din il-Kamra fid-9 ta' Frar tal-2015."

L-Onor. Karol Aquilina kompla jgħid hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Il-Ministru għoġbu jgħidli li dan hu diġà fid-dominju pubbliku. Xtaqt nitlob l-intervent tiegħek biex skont ir-*ruling* mogħti minnek fis-Seduta 92 tat-12 ta' Marzu 2018, f'*ruling* ieħor mogħti minnek f'Seduta 323 fid-9 ta' Novembru 2015 u *ruling* tas-sedja preċedenti meta kien jippresjedi Dr Louis Galea fis-Seduta 205 tal- 24 ta' Marzu tal-2010 u tobbliga lill-Ministru jpoġġi dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra minkejja li hu disponibbli b'mod pubbliku."

Is-Sedja hawnhekk irringrazzjat lill-Onor. Karol Aquilina u qaltlu li se tara u tagħti deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

Kif diġà kkwotat, l-Onor. Karol Aquilina kien qiegħed jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 13967, datata 27 ta' April 2020, u li t-tweġiba għaliha ngħatat fis-Seduta 327 tas-6 ta' Mejju 2020. Permezz ta' din il-mistoqsija parlamentari l-Onor. Karol Aquilina kien staqsa hekk:

> "**13967. L-Onorevoli KAROL AQUILINA staqsa lill-Onorevoli IAN BORG (Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt inkluż id-dokumenti u l-pjanti kollha li jinsabu mehmuża miegħu u li permezz tiegħu l-Gvern Malti ttrasferixxa lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina l-art li tinsab f'Pembroke sabiex tintuża għall-bini ta' ambaxxata ġdida tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'Malta?

Fir-risposta tiegħu l-Ministru Ian Borg wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt li qed jirreferi għalih jinsab diġà fid-dominju pubbliku, peress li hu att pubbliku li ġie ppubblikat minn nutar. Minbarra hekk, il-kuntratt mal-Gvern Ċiniż kien ġie approvat mill-Kamra tad-Deputati nhar id-9 ta' Frar 2015, jiġifieri qabel ġie ffirmat, fejn dakinhar l-Oppożizzjoni ssekondatu u qablet unanimament miegħu."

Fil-fatt, kif irrimarka tajjeb l-Onor. Karol Aquilina, is-Sedja kellha diversi okkażjonijiet li tiddeċiedi dwar każijiet simili, fejn kien dejjem rakkomandat illi Ministru għandu jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dawk id-dokumenti li ssir referenza għalihom f'risposti għal-mistoqsijiet parlamentari, irrispettivament jekk dawn jistgħux jinstabu fuq xi sit elettroniku jew sorsi oħra pubbliċi. Minbarra li s-Sedja rat id-deċiżjonijiet li semma fit-talba tiegħu l-istess Onor. Karol Aquilina, is-Sedja rat ukoll li skont l-Ordni Permanenti 197, fis-silenzju tal-Ordnijiet Permanenti tal-Parlament tagħna, is-Sedja għandha tirreferi għar-regoli u drawwiet tal-House

of Commons tal-Parlament Ingliż. Fil-fatt, fid-diversi deċiżjonijiet tagħha, is-Sedja hija dejjem kienet komfortata minn dak li jgħid l-*Erskine May* (24 Edizzjoni) f'paġna 447 f'dan ir-rigward, u nikkowta:

> "*It is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House or otherwise available to Members and that this is done in a timely manner*."

Barra minn hekk, is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal paġna 447 tal-*Erskine May* (24 Edizzjoni) fejn jingħad illi:

> "*Only when the Speaker himself has control of a document can be involved in making it available to the House or a Committee.*"

Dan ifisser li ladarba l-Ministru, li huwa membru tal-Eżekuttiv tal-Gvern, fir-risposta għall-mistoqsija qed jagħmel referenza għal dokument pubbliku li dwaru jista' jkun ukoll issir mistoqsija supplimentari, għandu r-responsabbiltà li jpoġġi tali dokument fuq il-Mejda tal-Kamra. Fil-fatt, fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015, is-Sedja kienet qalet hekk:

> "Is-Sedja se terġa' tagħmel referenza għar-*ruling* tal-Ispeaker Louis Galea mogħti fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 kif ukoll għad-deċiżjoni mogħtija minnha fis-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 meta sar aċċenn għal risposti li jirreferu lil Membru għal informazzjoni f'dokument pubbliku li jista' jkun stampat jew ippubblikat fuq sit elettroniku. Nibda billi nikkwota mid-deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Galea:
>
> > "Fil-prattika tal-House of Commons mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub ġieli jkunu mwieġba billi l-Membru jiġi riferut għal xi dokument ippubblikat, sew jekk diġà mqiegħed fuq il-Mejda u sew jekk le. Però huwa rikonoxxut li anke fejn it-tagħrif mitlub huwa aċċessibbli xi mkien ieħor, id-dipartimenti tal-gvern huma mistennija li jgħinu kemm jistgħu biex il-Membri jkollhom tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom."

Fl-istess *ruling* mogħti fis-16 ta' Novembru 2015, is-Sedja preżenti kienet ikkwotat ukoll minn paġna 362 tal-*Erskine May* (24 Edizzjoni) fejn jingħad:

> "*Questions requiring information set forth in accessible documents (such as statutes, Treaties, annual reports, statistical releases etc), have not been allowed when the Member concerned could obtain the information of their own accord without difficulty*."

Fuq dan il-punt is-Sedja ma tistax ma tirreferix għar-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea f'Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 fejn fir-rigward tal-fatt li informazzjoni mitluba tista' diġà tkun fid-dominju pubbliku, u nikkwota:

> "Tajjeb wieħed jgħid li r-regoli kurrenti li jirregolaw it-tqegħid ta' Mistoqsijiet fil-House of Commons iħeġġu lill-Membri sabiex ikollhom għarfien tajjeb tas-sorsi alternattivi ta' informazzjoni, speċjalment permezz ta' mezzi elettroniċi, u li jfittxu li jiksbu informazzjoni permezz ta' mistoqsijiet parlamentari kemm il-darba dawn is-sorsi jkunu ġew riċerkati u ma jissodisfawx. Tajjeb però wieħed jenfasizza li f'dan il-każ

> l-appell mhux qed isir biss lill-Membri imma lil "*staff*" tagħhom ukoll, faċilità li l-ebda Parlamentari Malti għad ma għandu u għaldaqstant filwaqt li l-appell fih innifsu jagħmel sens, id-dipartimenti u aġenziji tal-Gvern f'pajjiżna għandhom iżommu quddiem għajnejhom li l-Membri tal-Kamra tagħna la għandhom dawn il-faċilitajiet ta' appoġġ u lanqas huma Membri *full-time*."

Is-Sedja kienet għalhekk konsistenti fid-deċiżjonijiet tagħha, anke kif espressi fir-*ruling* li tat fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015 u nikkwota:

> "... is-Sedja, filwaqt illi ssostni illi ma għandha l-ebda mansjoni fuq il-kontenut tat tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari, ittenni l-appell li sar bosta drabi oħra mis-Sedja li Ministru għandu jitlob lid-dipartimenti jew aġenziji li jaqgħu taħtu li jirrikorru għal dawn it-tipi ta' tweġibiet biss meta jkun ġustifikat u li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija..."

F'kull deċiżjoni li tat din is-Sedja, u wkoll fir-*ruling* mogħti mill-Eks Speaker Louis Galea, id-deċiżjoni hija waħda ċara, ċjoè li minkejja li dokument ikun fid-dominju pubbliku u jista' jinkiseb minn fuq sit elettroniku jew mod ieħor, huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa kopja stampata tad-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra, u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi billi tirrakkomanda minnufih lill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Ian Borg, biex fl-ewwel okkażjoni jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li sar mal-Gvern Ċiniż u li kien ġie approvat minn din il-Kamra fid-9 ta' Frar 2015, hekk kif indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13967.

Dan ir-*ruling* is-Sedja qiegħda tapplikah ukoll għall-ilment imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar fis-Seduta 325 tal-4 ta' Mejju 2020 fir-rigward tat-tweġiba li ngħatat mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar l-Onor. Aaron Farruiga għall-mistoqsija parlamentari 14096.

Ir-*ruling* huwa deċiż.